29 FEB 2020

HAŻ-ŻABBAR
Citta' Rompeach

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 521**

**It-Tnejn 27 ta' Jannar 2020**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech - Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Angel Gwyn Louiselle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**521.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

521.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' skuża.

**521.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

521.2.1 Il-minuti tal-520 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

**521.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

521.3.1 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill kopja tal-pjanti relatati mar-rilokazzjoni tal-*green area* fi Triq il-Marloċċ, u qal illi dawn il-pjanti kienu ġew approvati minn Transport Malta. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jagħmel kuntratt bin-nutar fejn jobbliga lis-sidien tal-art tal-*green area* fi Triq il-Marloċċ sabiex iħallsu l-ispejjeż kollha marbuta ma' dan il-proġett tat-*traffic island* fil-fetħa li hemm fi Triq San Ġużepp fil-viċinanzi ta' Triq Salvu Astarita. Is-Sur Joseph Agius semma l-ħtieġa li jiżdied id-dawl f'din iż-żona.

521.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi s-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri naqset milli tattendi għal aktar minn terz tal-laqgħat tal-Kunsill li saru fl-aħħar sitt xhur (mill-4 ta' Lulju 2019 sad-19 ta' Diċembru 2020). Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza tas-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri kienet għal raġuni ġustifikata u għalhekk il-Kunsill għandu jitlob li l-post tas-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri ma jiġix dikjarat vakanti.

521.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien inbeda x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq ix-Xgħajra mill-Gvern Ċentrali. Is-Sindku qal li Triq Ħaż-Żabbar kienet ingħalqet għat-traffiku peress illi kien qed isir xogħol ta' tħaffir ta' kanali biex jgħaddu s-servizzi minnhom. Is-Sindku żied jgħid li t-traffiku kien qed jiġi devjat minn ġewwa ż-żona ta' St Peter.

521.3.4 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li l-kuntrattur responsabbli mix-xogħlijiet ta' *resurfacing* fi Triq ix-Xgħajra kien ħalla xi materjal ta' kostruzzjoni fil-kantuniera tat-triq. Is-Sinjura Calleja talbet sabiex il-Kunsill jitlob lill-kuntrattur ineħħi dan il-materjal peress illi kien ta' periklu għas-sewwieqa.

521.3.5 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex issir *road hump* fi Triq Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal li r-*road hump* kienet ser issir wara li titlesta t-triq.

521.3.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi x-xogħol ta' kostruzzjoni tat-triq u tal-bankini ser jibda minn mar-*roundabout* tax-Xgħajra u jibqa' sejjer sa Misraħ San Ġakbu. Is-Sindku żied jgħid li r-*roundabout* tax-Xgħajra ma kinitx inkluża ma' dan il-proġett.

521.3.7 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk hux ser issir it-*traffic island* fi Triq ix-Xghajra qabel ma tohroġ ghal Triq Wied il-Ghajn. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi din it-*traffic island* kienet ġiet approvata fil-leġislatura tal-Kunsill preċedenti.

521.3.8 Is-Sindku qal illi kellu laqgha mal-perit responsabbli mix-xoghlijiet fi Triq ix-Xghajra u li fiha ġew diskussi diversi proġetti fosthom sabiex is-*soft area* li hemm faċċata tal-ispiżerija tiċkien u minflok issir *lay-by* ghall-karozzi tal-linja. Is-Sindku ressaq kopja tal-pjanti quddiem il-Kunsill u qal illi sabiex isir dan, trid tinqala siġra li hemm imhawwla fis-*soft area*. Is-Sindku żied jghid li jekk il-Kunsill inehhi s-siġra, il-proġett ta' din is-*soft area* kien ser jiġi nkluż mal-proġett ta' Triq ix-Xghajra. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob il-permess tal-ERA sabiex tinqala' is-siġra, tiċkien s-*soft area* u ssir *lay-by* ghall-karozzi tal-linja. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kunsill jiddeċiedi post alternattiv fejn ser tithawwel din is-siġra.

521.3.9 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill kopja tal-pjanta li wkoll ġiet diskussa mal-perit sabiex l-art li hemm fi Triq ix-Xghajra ma' Triq il-Kapuċċini issir *parking area*. Is-Sindku qal illi jekk il-Kunsill iġib l-approvazzjoni ta' *Transport Malta* dan il-proġett ukoll kien ser jiġi nkluż mal-proġett ta' Triq ix-Xghajra. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob il-permess ta' *Transport Malta* sabiex din l-art tinbidel f'*parking area*.

521.3.10 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill kopja tal-pjanta li ġiet diskussa flimkien mal-perit dwar il-possibilità li issir *zebra crossing* ġdida fi Triq ix-Xghajra ftit 'il isfel minn Triq il-Maghsar. Is-Sur Mark Grech qal illi din iż-*zebra crossing* ma kinitx ser tintuża minn nies li jkunu jridu jaqsmu mill-viċinanzi tal-ispiżerija. Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas u s-Sur Mark Grech semmew il-htieġa li ssir *zebra crossing* fil-viċinanzi tal-ispiżerija. Is-Sindku qal illi ż-*zebra crossing* li hemm quddiem is-*substation* fi Triq ix-Xghajra kienet ser tiġi spustjata fil-viċinanzi ta' Triq il-Kapuċċini u ghalhekk kienet ser tkun viċin l-ispiżerija. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li ma kinitx taqbel li ż-*zebra crossing* tiġi spustjata fil-viċinanzi ta' Triq il-Kapuċċini peress illi kienet ser tiġi fil-liwja u kienet ser tkun ta' periklu ghall-*pedestrians*. Is-Sur Joseph Buttigieg issuġġerixxa li jsiru *pedestrian lights* minflok *zebra crossing*. Is-Sindku qal illi kien ser jitlob il-parir ta' Transport Malta f'dan ir-rigward.

521.3.11 Is-Sindku qal illi kien ser isir xoghol ta' *resurfacing* fi triq bla isem bejn Triq ix-Xghajra u Triq Alessio Erardi.

521.3.12 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienu ser isir xoghol ta' *resurfacing* fi Triq FX Attard.

521.3.13 Fis-6.45 ta' filghaxija il-Viċi Sindku dahlet ghal-laqgha.

521.3.14 Is-Sindku rrefera ghas-sejħa ffinanzjata minn Fondi Ewropej taħt il-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta – Miżura 3. *Promotional of the Cultural Heritage* u ssuġġerixxa li jsiru tabelli t'informazzjoni li jindikaw il-postijiet storiċi fil-lokalità. Is-Sindku qal illi bħalissa l-Kunsill kien għaddej b'diversi proġetti u żied jgħid illi din l-applikazzjoni kienet tinvolvi ħafna preparamenti u l-Kunsill ma kienx ser ilaħħaq jissottometti l-applikazzjoni fil-ħin. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għal din il-Miżura meta toħroġ it-tieni sejħa .

521.3.15 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li joħroġ sejħa għall-offerti sabiex isir ix-xogħol ta' restawr fuq l-istatwa ta' San Ġużepp li qiegħda fi Triq is-Santwarju kantuniera ma' Triq G Agius Muscat, kif ukoll tal-istatwa ta' Ġesù Redentur li qiegħda fi Triq iċ-Ċimiterju taħt il-Miżura 1 - *Local Development Strategy - Restoration of assets of artistic and cultural value.*

521.3.16 Is-Sindku qal illi waqt laqgħa li kellu ġiet diskussa l-possibilità li permezz tal-Erasmus isir skambju ta' żgħażagħ ġewwa Sqallija fil-perjodu ta' Settembru u Ottubru 2020. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-pajjiżi parteċipanti kienu l-Armenia, Sqallija, Estonia, u jekk il-Kunsill jaqbel, Malta. Is-Sindku żied jgħid li n-numru ta' parteċipanti irid ikun ta' ħamsa minn nies u l-ħlas kien ta' €50 għal kull parteċipant. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk il-Kunsill kienx ser iħallas il-€50 ta' kull parteċipant. Is-Sur Mark Grech staqsa mil-liema vot kienu ser jittieħdu l-fondi f'każ li l-Kunsill jaqbel li jħallas il-€50. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawn kienu ser jonqsu mill-vot taħt l-'ospitalità'. Is-Sindku qal illi s-somma ta' €50 m'hix għalja u tista' faċilment titħallas mill-parteċipanti. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jipparteċipa f'dan l-iskambju.

521.3.17 Is-Sindku qal illi kien irċieva talba sabiex issir *keep clear* fi Sqaq numru 1 f'Misraħ is-Sliem. Is-Sindku żied jgħid li f'dan l-isqaq hemm persuna b'diżabilità u m' hemmx lok ta' fejn issir *reserved parking* peress illi fl-istess sqaq hemm maħżen u *loading/unloading bay.* Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex minflok issir *keep clear*, il-Kunsill jitlob il-permess ta' *Transport Malta* sabiex titwessa l-bankina ta' l-isqaq. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob il-permess ta' Transport Malta sabiex iwessa' il-bankina ta' Sqaq numru 1 f'Misraħ is-Sliem.

521.3.18 Is-Sindku ressaq talba li kien irċieva mir-radju tal-komunità sabiex jerġa' jibda jsir il-programm Kunsill Lokali *Live* fuq Radju Hompesch. Is-Sur Joseph Agius qal illi minn esperjenza tiegħu fil-passat, matul il-programm kienu jċemplu ħafna nies negattivi. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-programm Kunsill Lokali *Live* fuq Radju Hompesch ma jsirx.

521.3.19 Fis-7.10 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Vella daħal għal-laqgħa.

521.3.20 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-iskema SPI/SCI/12/2019 relatata mar-restawr ta' postijiet / monumenti storiċi u nforma lill-Kunsill li l-applikazzjoni tal-Kunsill ma ntgħażlitx biex tingħata l-għajnuna finanzjarja permezz ta' din l-iskema.

521.3.21 Is-Sindku tkellem dwar il-proġett tal-*bring in sites* u qal illi l-perit tal-Kunsill kien infurmah illi kienu ġew sottomessi oġġezzjonijiet sabiex dan il-proġett ma jsirx fiż-żona tal-Fatah minħabba li kien viċin is-swar tal-*Cottonera*. Is-Sur Mark Grech staqsa min kien qed jagħmel dawn l-oġġezzjonijiet u talab sabiex il-Kunsill jitlob lill-perit jibgħat kopja ta' dawn l-oġġezzjonijiet. Is-Sindku qal illi hemm ċans li l-proġett ma jiġix approvat mill-*Planning Authority*.

521.3.22 Is-Sindku qal illi l-Kunsill ġie nfurmat mill-Awtorità tal-Artijiet li parti mis-sit propost fi Triq Villabate sabiex issir il-*bring in site* huwa privat. Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex il-Kunsill jikkonsidra li jċekken il-proġett sabiex b'hekk il-proġett isir fi Triq Villabate u l-Kunsill ma jitlifx il-flus tal-applikazzjoni. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li jkompli bil-proċess tal-applikazzjoni mal-*Planning Authority* biex il-proġett tal-*bring in sites* isir fiż-żona tal-Fatah.

521.3.23 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi *Zabbar Scout Group* kienu ser jagħlqu 25 sena anniversarju mit-twaqqif tal-Grupp tal-*Iscouts* f'Ħaż-Żabbar. Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex il-Kunsill jorganizza tlett attivitajiet bil-kollaborazzjoni ma' *Zabbar Scout Group* fosthom; s-*South District Parade*, l-*annual general awards* u l-*annual summer camp*. Is-Sur Joseph Buttigieg talab lill-Kunsill biex jikkonsidra l-attivitajiet li hemm ippjanati li jsiru matul is-sena 2020 kif ukoll sabiex jara x'hemm fondi disponibbli għall-attivitajiet kulturali fl-estimi annwali. Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex minflok jiġu organizzati t-tlett attivitajiet kulturali ma' *Zabbar Scout Group*, jinxtraw strumenti mużikali sabiex jintużaw mill-istudenti waqt il-korsijiet tal-mużika 'Skola Banda'. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jinxtraw strumenti mużikali għall-prezz ta' €1,000 biex jintużaw mill-istudenti tal-*iscouts* matul l-iskola banda.

## 521.4 Minuti tal-laqgħa annwali

521.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill il-minuti tal-Laqgħa tal-Komunità li saret nhar it-Tnejn, 6 ta' Jannar, 2020.

## 521.5 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat

521.5.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitat.

**521.6 Approvazzjoni tal-Estimi Annwali**

521.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-Estimi Annwali għas-sena 2020. Dawn ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara.

**521.7 Approvazzjoni tal-Performance Bonus tal-impjegati**

521.7.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv jingħata l-massimu (10%) tal-*performance bonus* għall-perjodu 1 ta' Jannar - 9 t'April 2019.

**521.8 Ingaġġ ta' Uffiċjali Eżekuttivi (Skala 13)**

521.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-*interviews* li sar mill-Bord tal-Intervisti għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13). Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li fl-opinjoni tiegħu s-Sinjorina ********** u s-Sinjorina ********** huma l-aktar kandidati adattati għal din il-kariga. Fuq proposta tas-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjorina ********** u s-Sinjorina ********** jiġu mpjegati mal-Kunsill bħala Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13).

**521.9 Ingaġġ ta' Skrivan (Skala 15)**

521.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-*interviews* li sar mill-Bord tal-Intervisti għall-ingaġġ ta' Skrivan (Skala 15). Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li fl-opinjoni tiegħu ħadd mill-persuni li applikaw għal din il-vakanza ma hu adattat għal din il-kariga, u għaldaqstant irrakomanda li ssir talba lil Jobs Plus biex jitkompla l-proċess billi jiġu intervistati kandidati eleġibbli li qegħdin jirreġistraw taħt *Part 1*, *Part 2* u *Part 3* ma' Jobs Plus. Fuq proposta tas-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ssir din it-talba.

**521.10 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi**

521.10.1 Inqara rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura JCB968 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Wied il-Għajn, fejn talab kumpens ta' €195 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbagħat ittra legali bħala risposta. [1]

521.10.2 Inqara rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura CCM715 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Wied il-Għajn, fejn talab kumpens ta' €580 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta. [2]

521.10.3 Inqara rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura CBP578 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Wied il-Għajn, fejn talab kumpens ta' €256 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta. [3]

521.10.4 Inqarat ittra li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura NAT082 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Wied il-Għajn, fejn talab kumpens ta' €60 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta. [4]

521.10.5 Inqara ittra li l-Kunsill irċieva mingħand sid ta' vettura dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Wied il-Għajn, fejn talab kumpens ta' €100 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta. [5]

**521.11 Jum Ħaż-Żabbar**

521.11.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill bil-programm għal Jum Ħaż-Żabbar. Fis-6.15 ta' filgħaxija ser issir il-quddiesa fil-knisja Arċipretali u Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja u fis-7.15 kunċert ta' madwar siegħa minn *Joy Gospel Choir* fis-Sala Notre Dame.

521.11.2 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jintuża s-siġill uffiċjali tal-Kunsill għal fuq iċ-ċertifikati li ser jingħataw f'Jum Ħaż-Żabbar.

521.11.3 Fit-7.50 ta' filgħaxija l-laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti sabiex id-diskussjoni issir fi stadju ta' kumitat.

521.11.4 Fit-8.00 ta' filgħaxija il-laqgħa kompliet.

521.11.5 Is-Sur Joseph Agius talab sabiex il-Kunsill jinnomina persuna oħra sabiex tieħu rikonoxximent taħt id-dekasteru tal-inklużjoni soċjali. Dan peress illi l-persuna

nominata kienet diġa hadet rikonoxximent ta' hajr fis-snin ta' qabel. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jirrikonoxxi persuna ohra sabiex tingħata Ċertifikat ta' Hajr f'Jum Ħaż-Żabbar.

**521.12 Attività fil-Karnival**

521.12.1 Is-Sindku ppropona li jsiru żewġ attivitajiet tal-karnival; filghodu ssir sfilata b'sett ta' maskri grotteski, banda u żfin, u filghaxija ikun hemm programm fl-ex venda ta' Ħaż-Żabbar li tinkludi żfin, kant, maġija u illużjoni u makjetti u *sketches* komiċi minn Joe (id-Dulli) u Veronica Farrugia. Is-Sur Joseph Vella ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li l-kumpanija *Leon Promotions* tkun responsabbli mill-organizzazzjoni tal-Karnival fil-lokalità ghall-prezz ta' €2,245.

521.12.2 Is-Sindku qal illi ghall-attività tal-karnival kienu ser jinkrew is-siġġijiet.

521.12.3 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob lis-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ iddoqq fl-okkażjoni tal-Karnival.

521.12.4 Fit-8.07 ta' filghaxija s-Sur Mark Grech talab li jkun skużat.

**521.13 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

521.13.1 Fuq proposta tas-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti ghall-perjodu ta' bejn l-20 ta' Diċembru 2019 u s-27 ta' Jannar 2020 li kienet tammonta ghal €25,908.40.

521.13.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* ghax-xahar ta' Diċembru 2019 li kien jammonta ghal €27.50.

**521.14 Deċiżjoni / Aġġudikazzjoni ta' offerti;**

- Servizz ta' *Contract's Manager* (ZLC 8/2019)

521.14.1 Inqara r-rapport li thejja mill-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Kunsill dwar l-offerti li ġew sottomessi ghas-servizz ta' *contracts manager* (ZLC 8/2019). Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ir-rapport li sar u qalet illi kienet ġiet sottomessa offerta wahda. Il-Bord ta' Evalwazzjoni kien ikkonkluda li l-offerta ma kinitx teknikament tajba peress illi l-offerent ma pprovdiex l-informazzjoni mitluba. Fuq proposta tas-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li japprova r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess

sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerent involut permezz tal-*Electronic Public Procurement System*.

521.14.2 Is-Sindku qal illi kien infurmat li l-offerti sottomessi għas-servizz ta' *contracts manager* f'Kunsilli oħra kienu għola minn dak li qed jiġi stmat mill-Kunsill u għalhekk issuġġerixxa sabiex minflok tinħareġ sejħa għall-offerti, il-Kunsill jitlob servizz ta' *contracts manager* għall-prezz ta' mhux aktar minn €5,000 esklużi il-vat. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-Kunsillieri preżenti li l-Kunsill kien obbligat jaħtar *contracts manager* mal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob kwotazzjoni għas-servizz ta' *contracts manager*.

521.14.3 Fit-8.15 ta' filgħaxija s-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri talbet li tkun skużata.

**521.15 Latrini Pubbliċi**

521.15.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien sar xogħol ta' manutenzjoni fis-saqaf tal-latrina li hemm fi Triq iċ-Ċawsli minn ħaddiema provduti mir-Reġjun Xlokk.

521.15.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien qed isaqsi diversi mistoqsijiet dwar l-offerta li kienet ingħatat lis-Sur Christopher Bonello għas-servizz ta' żamma u manutenzjoni tal-latrini pubbliċi (ZLC 1/2019).

521.15.3 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ *default notice* lis-Sur Christopher Bonello li huwa l-kuntrattur responsabbli mis-servizz ta' żamma u manutenzjoni tal-latrini pubbliċi (ZLC 1/2019), peress illi ma kienx qed ikun hemm *attendant* ma' kull latrina kif hemm stipulat fis-sejħa għall-offerti.

521.15.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-servizz tal-ġbir ta' skart fil-lokalità ma kienx qed ikun dak mistenni. Is-Sur Angelo Scicluna lmenta li ta' kull ġimgħa l-kollettur tal-iskart ma kienx qed jiġbor il-boroż taż-żibel minn wara l-bibien fi Triq Salvu Pulis. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ *default notice* lis-Sur Saviour Mifsud li huwa l-kuntrattur responsabbli mill-ġbir ta' skart domestiku (ZLC 5/2019) peress illi nhar ta' Tnejn ma kienx qed jaħdem bi tlett trakkijiet kif stipulat fis-sejħa tal-offerti u l-iskart kien qed idum biex jinġabar sa tard filgħaxija, u peress illi kien qed iħalli munzelli tal-iskart quddiem ir-residenzi għal tul ta' ħin twil minkejja li kien avżat verbalment mill-Kunsill sabiex dan ma jibqax iseħħ.

521.15.5 Is-Sur Joseph Vella talab sabiex il-Kunsill iqassam ittri lir-residenti li joqgħodu fi Triq Santa Duminka, Triq iċ-Ċulqana, Triq ir-Redentur, Triq Bieb is-Sultan u Triq Santa Tereża sabiex iżommu l-borża tal-iskart wara l-bieb tagħhom.

**521.16 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

521.16.1 Il-Viċi Sindku ssuġġeriet sabiex jiġu rranġati l-ħitan tas-sejjiegħ li hemm fi Triq il-Meħrież bil-fondi tal-Unjoni Ewropeja.

521.16.2 Il-Viċi Sindku talbet sabiex il-Kunsill jikkonsidra li jneħħi żewġ *parking bays* minn Triq ix-Xgħajra sabiex jonqos il-periklu għas-sewwieqa li jkunu ħerġin minn Triq Alessio Erardi minħabba li ma jarawx lil utenti l-oħra tat-triq peress illi kien hemm punt mhux viżibbli. Is-Sindku qal li hemm diversi modi oħra kif jistgħu potenzjalment jiġu evitati inċidenti kkaġunati minn punti mhux viżibbli u ssuġġerixxa li titwaħħal mera minflok jitneħħew il-*parking bays*.

521.16.3 Is-Sur Joseph Agius irrefera għall-korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali dwar l-attività Earth Hour 60+. Dan l-avveniment ser isir mad-dinja kollha biex iħeġġeġ lin-nies jieħdu azzjoni għall-problemi ambjentali billi nhar is-Sibt 28 ta' Marzu, 2020 jintefa d-dawl bejn it-8.30 u d-9.30 ta' filgħaxija ta' monumenti, bini amministrattivi u żoni pubbliċi oħra. Is-Sur Joseph Agius issuġerixxa li l-Kunsill jipparteċipa f'din l-inizjattiva. Is-Sinjura Anna Calleja ssuġġeriet li jintfew il-monumenti u minflok jinxtelgħu x-xemgħat.

521.16.4 Is-Sur Joseph Agius talab sabiex isir *double yellow line* quddiem binja ta' kostruzzjoni fi Triq Sant' Antnin peress illi kienu qed jipparkjaw il-vetturi matul il-lejl u kienu qed joħolqu periklu għas-sewwieqa. Is-Sindku qal illi jekk isiru *double yellow line* lanqas il-kuntrattur ma jkun jista' jipparkja l-makkinarju.

521.16.5 Is-Sur Joseph Agius reġa' semma l-ħtieġa li ssir *road hump* kif ukoll sabiex titwaħħal mera fi Triq San Ġużepp.

521.16.6 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas qalet li nhar il-Ħadd, 26 t'April kienet ser torganizza attività relatata mal-Ħarsien tal-Annimali fil-viċinanzi tad-*Dog Park*. Matul din l-attività kien ser isir it-tberik tal-annimali u jinġiebu ż-żwiemel mit-taqsima tal-Kavallerija tal-Korp tal-Pulizija.

521.16.7 Is-Sinjura Ghislaine Bongailas talbet sabiex titwaħħal mera fi Triq il-Ġilbiena li turi l-vetturi li jkunu ġejjin minn naħa ta' Santa Duminka. Is-Sindku qal illi ma kienx hemm fejn teħel din il-mera.

521.16.8 Is-Sur Angelo Scicluna tkellem dwar il-possibilità li l-Kunsill jorganizza sezzjonijiet tal-Yoga għaż-Żabbarin għall-prezz ta' €20 kull sessjoni. Il-Viċi Sindku ssuġġeriet li jiġi organizzat ukoll iz-zumba.

521.16.9 Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex titneħħa ż-żebgħa li hemm mal-art quddiem il-*pelican crossing* fi Triq tal-Labour. Dan peress illi fl-art kien hemm miżbugħa *zebra crossing* u l-*pedestrians* kienu qed jaqsmu t-triq mingħajr ma jixgħelu d-dawl tal-*pelican crossing*.

521.16.10 Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li jiġi rranġat arblu mgħawweġ ta' tabella tal-*istop* li hemm fi Triq Lia ma' Triq Santa Tereża.

521.16.11 Fid-8.50 ta' filgħaxija s-Sur Angelo Scicluna talab li jkun skużat.

521.16.12 Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li jiġu rranġati l-bankini ta' Triq Lia.

521.16.13 Il-Kaptan Patrick Barbara talab sabiex titwaħħal it-tabella tal-*loading/unloading* bay bil-ħinijiet tal-ħwienet fi Triq il-Kbira.

521.16.14 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jiġi rranġat id-dawl tal-istatwa tal-Madonna li hemm fi Ġnien il-Kunsill.

521.16.15 Is-Sur Joseph Buttigieg ressaq talba li kien irċieva mill-familjari tas-Sur Fredu Abela sabiex isir il-ħadid mad-dawra tal-monument tal-Bamboċċu fi Ġnien il-Kunsill.

521.16.16 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kien irċieva talba sabiex il-Kunsill jerġa' jibda jorganizza sezzjonijiet tal-*aerobics*.

521.16.17 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fit-13 ta' Frar, 2020 kien ser jorganizza ħarġa għall-anzjani Żabbarin.

521.16.18 Is-Sur Joseph Vella staqsa jekk kienx ser isir il-proġett f'Misraħ San Nikola. Is-Sindku qal illi kien qed jistenna risposta mingħand l-entitajiet ikkonċernati u żied jgħid li l-proġett kien għadu ma nbediex minħabba l-bidla fil-Prim Ministru kif ukoll minħabba t-tibdiliet fil-Ministeri.

**521.17 Mozzjonijiet**

521.17.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**521.18 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

521.18.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 27 ta' Frar, 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija.

521.18.2 Il-laqgħa spiċċat fid-9.00 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-522 laqgha li saret nhar il-Hamis 27 ta' Frar, 2020.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku